MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tat-2 ta' Awwissu, 2007

Numru 611/2007

Il-Pulizija
(Sp Jesmond Borg)
vs
Abdel Rizak Hussein, iben Hussein, imwieled is-Somalia fix-xahar ta' novembru, 1979

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fid-19 ta' lulju, 2007 għal ħabta tas-1.30 a.m., filwaqt li kien ġewwa ċ-ċentru miftuħ għall-immigranti rregolari, Triq is-Salib tal-Marsa, Albert Town, Marsa mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Fousi Mouse Abdi, mis-Somalia, f'perikolu ċar, ikkaġunalu feriti ta' natura gravi, kif iċċertifikat minn Dr. Moira Grech M.D. tad-Dipartiment ta' l-Emergenza ta' l-Isptar San Luqa, liema feriti ġabulu mankament jew sfreġju fil-għonq u fi driegħu l-leminija;

2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi ħebb kontra l-imsemmi Fousi Mouse Abdi sabiex jinġurjah jew jagħmillu ħsara;
3. talli fl-istess data, ħin u lok volontarjament kiser il-bon ordni u il-kwiet tal-pubbliku;
4. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi fl-inħawi ta' Albert Town, il-Marsa f'lok pubblku jew miftuħ għall-pubbliku, kien fis-sakra, b'mod li ma jkunx jista' jieħu ħsieb tiegħu nnifsu.
Il-Qorti ġiet mitluba li barra li tagħti l-piena stabbilita bil-liġi tapplika wkoll l-artikoli 383 et seq. tal-Kodiċi Kriminali għas-sigurta' ta' din il-persuna hawn fuq indikata.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta' l-imputat bil-ġurament.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat.

Ikkunsidrat,

Illi dan l-inċident nqala bejn żewġ refuġjati fil-post hawn fuq imsemmi wara li t-tnejn li huma kien qed jixorbu. Inqala argument li konsgwenza tiegħu Fousi Abdi xehed li l-imputat tah daqqa ta' fliexkun f'għonq u ikkaġunalu żewġ feriti li ħallew sfregju f'għonqu. Min-naħa tiegħu xehed li l-midrub waqa fit-taraġ u ċaħad li qatt tah b'xi fliexkun.

Illi l-versjoni tal-midrub hi l-iktar waħda ta' min jorbot fuqha għaliex il-feriti li ġarrab mhumiex kompatibbli ma feriti li wieħed iġġarrab meta jaqa fit-taraġ.

Illi l-akkużi l-oħra kollha ġew pruvati mill-prosekuzzjoni.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 216(1)(b), 217, 338(dd)(ff) u 339(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta' sena priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija.

Fiċ-ċirkostanżi ta' dan il-każ mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikoli 383 et seq. tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------